

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.4870 — EDF EN/Alcofinance/Alcogroup JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 224/03)

1. Fl-14 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża EDF Energie Nouvelles ("EDF EN", Franza) li tappartjeni lill-Grupp EDF (Franza) u Alcofinance (il-Belġju) takkwista l-kontroll konġunt skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill ta' l-impriża Alcogroup SA ("Alcogroup", il-Belġju), negozju konġunt li għadu kif inħoloq, permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

- EDF: attiva fil-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-provvista, u l-kummerċ ta' l-elettriku u servizzi relatati, l-aktar fi Franza iżda wkoll bi preżenża qawwija fiż-ŻEE.
- EDF EN: il-produzzjoni ta' l-elettriku minn sorsi ta' enerġija li tiġġedded, b'mod partikolari mill-enerġija tar-riħ, mill-enerġija ta' l-ilma, mill-bijomassa u mill-enerġija solari.
- Alcofinance: il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' l-etanol.
- Alcogroup: il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' l-etanol.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-publikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4870 — EDF EN/Alcofinance/Alcogroup JV, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussel

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.